# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DEĊIŻJONI NRU 2928

Każ Nru 4003/FM

Fil-Kwistjoni tax-Xogħol

bejn

Jesmond Micallef (K.I. nru 18567M)

u

Air X Charter Limited (C59616)

Data: 20 ta' Lulju 2023

*dwar: tkeċċija mill-impjieg allegata li hi inġusta*

**Chairman: Franco Masini**

Dan il-każ ġie deċiż mit-Tribunal Industrijali fis-6 ta' Ottubru 2022 u appellat fejn il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) sedenti l-Onor. Imħallef Lawrence Mintoff fis-17 ta' Mejju 2023 laqgħet l-appel u ddeċidiet li l-atti jintbagħtu lura lit-Tribunal Industrijali biex dan "jiddeċidi jekk it-tkeċċija in kwistjoni kinitx waħda ġusta jew le, u jekk fl-affermattiv jipprovdi rimedju xieraq lill-appellant".

Dan it-Tribunal fela' bir-reqqa l-provi magħmulha quddiem it-Tribunal oriġinali. Jirriżulta li r-Rikorrent kien insista li struzzjonijiet dwar *fire drill* tal-Kumpanijja jingħatawlu bil-lingwa tiegħu l-Malti u mhux bl-Ingliż. Il-kwistjoni spiċċat billi ingħata twissija. Din tidher li kienet ir-raġuni tal-liċenzjament. Huwa veru li *fire drill* huwa ta' importanza kbira u għandu jittieħed bl-ikbar serjetà. Iżda dan l-inċident fil-fehma tat-Tribunal huwa ferm 'il bogħod minn raguni li b'xi mod tista' tirrisolvi ruħha f'kawża ġusta u suffiċjenti għat-tkeċċija mill-impieg. Tant hu hekk illi ingħata lir-Rikorrent twissija u mhux ġie liċenzjat immedjatament. Ma jirriżultax li kien hemm xi raġuni oħra għat-tkeċċija tiegħu.

Wara li fela' l-provi, ra bir-reqqa d-dokumentazzjoni kollha tal-każ, u sama' lill-Avukati tal-partijiet jagħmlu t-trattazzjoni tagħhom it-Tribunal Industrijali jiddeċidi li l-liċenzjament tar-Rikorrent Jesmond Micallef mill-impieg tieghu ma' Air X Charter Limited ma kienitx għal raġuni ġusta u suffiċjenti.

Wara li ra l-Artikolu 81 (2a) tal-Kap 452, innota s-salarju li kellu r-Rikorrent, iż-żmien ta'xi tmien xhur li għadda qabel reġa' kellu impieg ieħor, kif jidher mill-provi, it-Tribunal jillikwida d-danni dovuti lir-Rikorrent Jesmond Micallef mill-kumpanijja Air X Charter Limited fl-ammont ta' €20,000.

(Iffirmat)
Franco Masini
Chairman